MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 313/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mallia)**
**Vs**
**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :-
fil-Belt Valletta, nhar l-hdax t'Awwissu 2006, ghal habta tat-tlieta w kwart ta' filghodu bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serqa mill-fond 129, Triq l-Ifran, il-Belt, Valletta, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok kif wkoll bil-valur, li jiskorri l-elf lira Maltin ghad-dannu tal-Onorevoli Imhallef Giovanni Bonello, wrew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.

fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin u dan ghad-dannu tal-Onorevoli Imhallef Giovanni Bonello.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 t’Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(f)(e)(c), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza t’attentat ta’ serq kif aggravat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bil-lok u poggitu taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bil-ghan li jibqa’ fit-triq it-tajba w cioe’ boghod mill-kriminalita’ w dan taht il-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess ordni ta’ probation.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita’ tieghu w x’jigri jekk jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin.

Il-Qorti ordnat ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan u ordnat li l-partikolaritajiet tal-appellant ma jigux imxandra fuq il-mezzi kollha tax-xandir stante li fil-mument meta kkommetta r-reati odjerni kien minuri.
Finalment, dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispjejjes inkorsi mal-hatra ta’ periti jew esperti, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tal-imputazzjoni ta’ hsara volontarja w minnha lliberatu, thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati tal-imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ serq kif aggravat bil-valur,

bil-hin, bil-mezz u bil-lok, u dana billi tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni w minnha tilliberah skond il-ligi, w tikkonfermaha fejn astjeniet illi tiehu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriformaha fil-parti tas-sanzjoni billi timponi sanzjoni li taghmel aktar ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- 1. li l-appellant kellu jigi dikjarat mhux hati tal-akkuza ta' tentattiv ta' serq aggravat. L-Ewwel Qorti stess ikkoncediet li l-appellant w ohrajn kienu *"ddezistew mill-komsumazzjoni tar-reat minn rajhom"* . Ghalhekk logikament kellu jigi dikjarat mhux hati ta din l-akkuza w liberat minnha. 2. Li l-mezzi wzati w cioe' furmatur u l-mazza, ma kienux idoneji w allura hu ma setax jinstab hati tal-akkuza w, jekk kienu idoneji, allura l-konkluzzjoni kellha tkun li kien hemm id-dezistenza volontarja. Jekk wiehed iqis l-ghamara tqila li kien fadal fil-post, "l-avventura" tal-ko-imputati kienet wahda impossibbli. B' dana kollu l-appellant abbanduna l-prosegwiment tal-kommissjoni tar-reat b' determinazzjoni tieghu stess. 3. Li minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni inflitta, rrizerva li jissottometti oralment waqt is-smiegh tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami akkurat tal-provi traskritti li ngabru quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta lil-appellant flimkien ma' zewg guvintur ohra kienu, fil-lejl tal-11 t' Awwissu, 2006, marru quddiem id-dar numru 129, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, proprjeta' tal-Imhallef Giovanni Bonello, bil-hsieb li, wara li jisgassaw il-bieb ta' barra jew l-isprall tal-kantina, jiksbu access ghall-istess fond bi skop ta' serq ta' dak li jigi ghall-

idejhom. Jidher pero' li dawn abbandunaw il-hsieb taghhom qabel ma kisbu access ghall-imsemmi fond, tant li, meta waslu l-Pulizija fuq il-post, li kienu gew informati b' telefonata anonima dwar dak li kien qed isir, sabu lit-tlitt zaghzagha 'l isfel sew fl-istess triq. Instabu xi sinjali ta' leva friski fuq il-bieb ta' barra hdejn is-serratura li jidhru fil-fotografija Dok. PS 4 u SOCO 4 (li huma identici).

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-iskop tat-tlitt zaghzagh kien indubbjament wiehed ta' serq u li din ma kienetx biss xi "avventura" ta' esplorazzjoni biex isibu xi "tezor" kif ipprova jaghti x' jifhem l-appellant fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (a fols 148 u 149 tal-process). Di fatti fl-istqarrija tieghu mal-Pulizija (fos 29 u 30) hu qal *: "…ahna morna hemm biex nippruvaw nidhlu gewwa….biex naraw x' hemm gewwa* ***….u jien ghidt li jkun hemm xi tezor gewwa u nohduh."*** Ghad-domanda tal-Ispettur : *"Li dhaltu gewwa u ltqajt ma xi haga tghodd ghalik, kont tohodha?"*, l-appellant kien irrisponda kategorikament : ***"Iva."*** U zied jghid : ***"L-iskop kien li nidhlu naraw izda jekk niltaqghu ma xi haga prezzjuza konna se nehduha."*** Umbaghad zied jghid ukoll li : "***Jiena dahhalt il-furmatur bejn iz-zewg bibien u tajta daqqa zghira bil-mazza. Jien ma ppruvajtx inkisser jew naghmel storbju, izda Marcus ipprova jaqla l-isprall bil-formatur. Ahna tlaqna qabel gew il-Pulizija ghax ma stajniex nidhlu u ma ridniex naghmlu storbju imhabba n-nies."***

It-tentattivi li l-appellant ghamel fid-depozizzjoni tieghu biex jispjega dawn id-dikjarazzjonijiet inkriminanti xejn ma huma konvincenti u inqas u inqas huma kredibbli. Ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, hija moralment konvinta li l-ghan tal-appellant kien li jidhol u jisraq minn hemm gew.

Ikkonsidrat;

Illi pero' l-appellant jissenjala kontradizzjoni fis-sentenza appellata, fejn f'parti minnha l-Ewwel Qorti qalet li *"ghalkemm mill-apprezzament tal-provi jirrizulta li t-tlitt imputati xtaqu jidhlu fid-dar….sabiex jiehdu proprjeta' ta'*

*terzi, pero' dan ma sehhx minhabba li huma ddezistew minn rajhom ghaliex ma rnexxilhomx"* u li dwar il-piena, kienet ser tqis "inter alia" : "*il-fatt li l-imputati ddezistew mill-konsumazzjoni tar-reat minn rajhom."* u l-parti fejn sabithom hatja tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat. Jghid li una volta li l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-appellant u shabu kienu ddezistew volontarjament mill-progett kriminuz taghhom, ma setghu qatt jinstabu hatja tar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat.

L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti wkoll taqbel li l-appellant u shabu, bhala fatt, iddezistew mill-ghan taghhom li jkomplu jisgassaw il-fond biex jidhlu jisirqu; tant li, meta waslu l-Pulizija, kienu gja telqu minn fuq il-post. Ghamlux hekk ghax irrejalizzaw li bil-mezzi li kellhom ma kienx ser jirmexxilhom jidhlu jew ghax ma riedux jaghmlu storbju li seta' jinstema' mill-girien hu irrilevanti. Il-punt hu li, kif ikkonkludiet gustament l-Ewwel Qorti, huma kienu waqfu volontarjament milli jwettqu l-ghan taghhom.`

Dan ghaliex kif jghid **Sir Anthony Mamo** ("Notes on Criminal Law", Vol. I, (1958 edit.) p. 119):-

"*The law does not require that the desistance should be absolutely spontaneous, i.e. prompted solely by repentance or returning good feeling independently of any other motive….The law is satisfied if the desistance is voluntary , or, in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will."*

F' dan il-kaz ma rrizultatx l-impozizzjoni ta' xi forza estranea jew ta' xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, fuq il-volonta' tal-appellant u shabu bhal, per ezempju, xi *"hue and cry"* mill-girien jew il-wasla fuq il-post tal-Pulizija li sfrattaw is-serqa incipjenti. Di fatti, kif xehdu l-istess Pulizija li marru fuq il-post, iz-zaghzagh kienu gja allontanaw ruhom minn hdejn il-fond in kwistjoni meta waslu hemm.

Issa skond l-artikolu 41 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba li l-hati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, jehel il-piena ghall-atti li jkun lahaq ghamel, jekk dawk l-atti ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Ghalhekk f' dan il-kaz l-appellant ma kellux jinstab hati ta' tentattiv ta' serq, imma, se mai, ta' xi reat iehor li lahaq ghamel u fil-kaz partikolari tieghu ta' xi hsara volontarja jew tentattiv ta' hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra tal-fond *de quo*, kif *ex admissis* sar minnu meta, kif qal, dahhal il-formatur bejn iz-zewg bibien u ta daqqa zghira bil-mazza.

Pero' dwar dan ir-reat jew it-tentattiv tieghu – kompriz u involut fih, l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni w, ladarba ma sarx appell minn din il-liberazzjoni mill-Avukat Generali, din il-Qorti hija issa prekluza milli ssibu hati hi ta' dan ir-reat ta' hsara volontarja jew it-tenttiattiv tieghu skond ir-rizultanzi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi biss ghal dak li jirrigwarda lill-appellant odjern tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' hsara volontarja taht it-tieni imputazzjoni w fejn astjeniet milli tikkundanna lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizji a tenur tal-art. 533 tal-Kodici Kriminali w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta' tentattiv ta' serq aggravat skond l-ewwel imputazzjoni w fejn ghamlet fil-konfront tieghu ordni ta' *probation* ghal tlitt snin, u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni w provvediment ta' *probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------